



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 19 ta' Ġunju 2012
(OR. en)**

10500/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0116 (NLE)**

**EEE 60
ENV 409
SPORT 37**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward ta' emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL Nru .../2012/UE

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE
fir-rigward ta' e menda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE,
dwar il-kooperazzjoni f'oqs ma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165 u 192(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹ (il-"Ftehim taż-ŻEE") fih dispożizzjonijiet u arranġamenti fir-rigward tal-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet.
- (2) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE tiġi estiża biex tinkludi r-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent².
- (3) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE tiġi estiża biex tkun tkopri l-qasam tal-isport.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 iħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent³ li hu inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE. Il-Ftehim taż-ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat sabiex jiehhu kont tar-Regolament (KE) Nru 401/2009.
- (5) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat kif meħtieġ.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni li jinsab mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

² ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.

³ ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1.

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emenda proposta għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru ... TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

ta'

**li te menda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE,
dwar il-kooperazzjoni f'oqs ma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il- "Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta' ...¹.
- (2) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tiġi estiża sabiex tinkludi r-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent².
- (3) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tiġi estiża biex tkun tkopri l-qasam tal-isport.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 iħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90³ li hu inkorporat fil-Ftehim u li konsegwentement għandu jiħassar taħt il-Ftehim taż-ŻEE.
- (5) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għaldaqstant jiġi emendat sabiex din l-estensjoni tal-kooperazzjoni tkun tista' sseħħ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L ...
² ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.
³ ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1.

Artikolu 1

Il-Protokoll 31 tal-Ftehim huwa emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 3 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim huwa sostitwit b'dan li ġej:
 - (a) L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-siġh fl-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", u fin-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent*.
 - (b) L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet imsemmija fil-punt (a), f'konformità mal-Artikolu 82(1) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim.
 - (c) Konsegwentement għall-punt (b), l-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-siġh fil-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija mingħajr ma jkollhom id-dritt għall-vot, u għandhom ikunu assoċjati mal-ħidma tal-kumitat xjentifiku tal-Aġenzija.
 - (d) It-terminu "Stat(i) Membru/i" u termini oħra li jagħmlu referenza għall-entitajiet pubbliċi tagħhom imsemmija fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament għandhom jinftiehem b'tali mod li, appartgħi t-tifsira tagħhom fir-Regolament, ikunu jinkludu lill-Istati tal-EFTA u lill-entitajiet pubbliċi tagħhom.

- (e) Id-dejta ta' natura ambjentali pprovdata lil jew maħruġa mill-Aġenzija tista' tiġi ppublikata u għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku, sakemm fl-Istati tal-EFTA jingħata livell ta' protezzjoni għall-informazzjoni kunfidenzjali li jkun uguali għal dak li jingħata fil-Komunità.
- (f) L-Aġenzija għandha jkollha personalità ġuridika. Fl-Istati kollha tal-Partijiet Kontraenti, hija għandha tgawdi il-kapaċità ġuridika l-aktar estensiva li tingħata lill-persuni ġuridiċi skont il-liġijiet tagħhom.
- (g) L-Istati tal-EFTA għandhom japplikaw għall-Aġenzija il-Protokoll tal-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej.
- (h) B'deroga mill-Artikolu 12(2)(a) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieġ ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, iċ-ċittadini tal-Istati tal-EFTA, li jgawdu d-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini, jistgħu jiddaħħlu jaħdmu b'kuntratt mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija.
- (i) Bis-saħħa tal-Artikolu 79(3), il-Parti VII (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali) tal-Ftehim għandha tapplika għal dan il-paragrafu.

- (j) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, għandu, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 401/2009, japplika wkoll għal kull dokument tal-Aġenzija li jkun jirrigwarda l-Istati tal-EFTA.

* ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.'.

2. L-intestatura tal-Artikolu 4 (L-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġħ) hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġħ u l-isport".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara li tkun saret l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim⁺.

⁺ [Ma hemm indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali .] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

Is-Segretarji
tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE
